## PAPA SAN DAMASUS I

## 13 TA' DICEMBRU

San Damasu twieled gewwa Ruma fil-bidu tar-raba seklu. Kien arcidjaknu tal-knisja rumana fis-sena 355 meta Papa Liberju gie



tturufnat ghal Berda. Huwa segwih fl-ezilju, imma wara rritorna lejn Ruma. Wara l-mewt ta' Liberju, Damasu gie maghzul biex ikun successur tieghu. Ursinu qajjem rivolta ghax hu wkoll ippretenda li jsir papa, imma l-papa qaddis irranga l-problema minghajr ma holoq inkwiet zejjed, gab ruhu ta' veru missier tal-fidili. Bis-sahha ta' l-ghaqal tieghu huwa heles il-knisja minn xizma.

Huwa sejjah

diversi koncilji biex jeqred l-erezija ta' l-Arjanizmu fl-Occident u dik ta' Appolinarju fil-Lvant.

Bena' mill-gdid il-knisja ta' San Lawrenz li sal-lum ghada maghrufa bhala San Lawrenz in Damaso. Zejjinha b'diversi offerti u madwarha bena' djar. Hadem biex in-nixxieghat ta' l-ilma ma jibqghux ghaddejja mill-Vatikan billi dawn kienu ta' hsara lil -igsma mejta midfuna hemm.  Zejjen ukoll l-oqbra ta' numru kbir ta' martri fic-cimiterji u fuqhom qieghed skrizzjonijiet ta' taghrif dwarhom. Wara papat ta' tmintax-il sena u xahrejn huwa miet fl-10 ta' Dicembru tas-sena 384, meta kwazi kien lahaq l-eta' ta' 80 sena.